# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum il-Ġimgħa 11 t'Ottubru, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru: 983/17MH**

**Numru:4**

**David Debono**

**Vs**

**Alfred u Doris konjuġi Galea u b'digriet datat 6 Ta' Novembru 2020 l-atti ġew trasfużi f'isem Doris Galea bħala werrieta universali ta' żewġha stante l-mewt tal-istess Alfred Galea**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' David Debono tas-26 t'Ottubru 2017** permezz ta' liema ppremetta u talab -

*"Illi huwa jipposjedi biċċa art f'Marsaskala li qed tiġi ndikata fil-pjanta annessa, Dok.A, kif delinejata bl-aħmar, fi Triq il-Qrempuċ, l-art hija fabbrikabbli.*

*Illi dina l-art ġiet għandu b'wirt minn għand zijtu Doris Debono, Dok.B, Dok. C, Dok.D, u Dok.E, Testment tal-mejta zijtu.*

*Illi fuq din l-art hemm mibnija kamra li fiha bir, u tali kamra tinsab fil-pussess tal-intimati wara l-eżitu tal-kawża Numru 1555/95 li kienet ċaħdet it-talbiet tar-Rikorrenti Doris Debono, illum defunta. Din il-kamra hija delinejata bil-blu fil-pjanta Dok.A.*

*Illi riċentament, mingħajr il-permess tal-esponenti u kontra r-rieda tiegħu, l-intimati qabdu u fetħu bieb fil-ħajt tal-kamra għal fuq l-art propjeta tal-esponenti, delinejata bl-aħmar.*

*Illi tali ftuħ u formazzjoni ta' bieb fil-kamra jikkostitwixxi abbuż mil-intimati tad-dritt ta' propjeta tal-esponenti, li jopponu għal tali ftuħ fuq l-art tagħhom.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti 1) tiddikjara li l-bieb miftuħ mil-intimati huwa abuż tad-dritt tal-propjeta tal-esponenti; 2) u għalhekk tordna lill-intimati biex jagħlqu dan il-biex billi jimbarrawh u ma jħallux il-forma ta' bieb; u 3) fin-nuqqas tal-intimati li l-esponenti jkun awtoriżżat jagħmel x-xogħol tal-imbarrar huwa a spejjeż tal-intimati, taħt in-nomina ta' Periti nominandi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, minn issa nġunti in subizzjoni, imklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali tas-6 ta' Ottubru tal-2017."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konjuġi Alfred u Dors Galea tal-1 ta' Diċembru 2017**[1] permezz ta' liema ressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

*"1. Illi, fl-ewwel lok, l-attur jeħtieġlu jġib provi li l-art minnu ndikata fir-rikors promotur hija tiegħu;*

*2. Illi huma ma fetħu l-ebda bieb li jagħti għal fuq il-proprjeta' ta' l-attur;*

[1] Fol 29

*3. Illi għalhekk, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Rat **ir-rikors tal-konvenuta Doris Galea tal-4 ta' Diċembru 2020**[2] permezz ta' liema talbet li tressaq l-eċċezzjoni tar-*res judicata* stante li din ma kinitx tressqet formalment fir-risposta ġuramentata tal-1 ta' Diċembru 2017. Dan stante li b'referenza għas-sentenzi esebiti in atti Rik Nru 1555/95 u Rik Nru 1241/09, dawn kienu jirrelataw għall-istess persuni, oġġetti u kawża (*eadem res, eadem personae u eadem causa petendi*) u in kwantu jirrigwarda l-kawża odjerna:

a) l-imsemmija partijiet fis-sentenzi ċitati kienu l-istess (jew l-ante kawża tal-istess partijiet) f'dawn il-proċeduri;
b) l-art li fuqha hija mibnija l-kamra jew *tool shed* mertu tal-kawża odjerna hi l-istess art u *tool shed*/kamra mertu tas-sentenzi ċitati;
c) is-sentenza fil-kawża Rik Nru 1555/95 hija relattiva għal kawża rei vendicatoria li hi minn natura tagħha *a measure of last resort* fejn min jazzjonaha ma jkollux pussess fiżiku jew tgawdija tal-immobbli u għalhekk ixxejjen il-premessi kollha mqajma mill-attur fil-proċedura odjerna inkluż li hu għandu l-pussess tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri.

[2] Fol 99a

Rat **ir-risposta tal-attur tal-15 ta' Jannar 2021**[3] permezz ta' liema ma oġġezzjonax għat-talba tal-konvenuta biex titressaq l-eċċezzjoni ulterjuri.

Rat **id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju 2021**[4] permezz ta' liema laqgħet it-talba fir-rikors tal-4 ta' Diċembru 2020 għaż-żieda tal-eċċezzjoni ulterjuri dwar ir-*res judicata*.

Rat li waqt l-istess seduta tas-26 ta' Mejju 2021 –

- l-partijiet qablu fuq wieħed mill-elementi tal-istitut tal-ġudikat u ċioe' li l-partijiet fiż-żewġ kawżi huma identiċi;
- fin-nuqqas ta' qbil dwar jekk l-art in kwistjoni hijiex l-istess fis-sentenzi ċitati fir-rikors tal-4 ta' Diċembru 2020, id-difensur tal-konvenuti talbet li jiġi maħtur espert tekniku limitatament sabiex jiddetermina jekk l-art mertu ta' dawn il-proċeduri hijiex l-istess tas-sentenzi ċitati Rik Nru 1555/95 u Rik Nru 1241/09.

Rat li t-talba għal ħatra ta' espert tekniku limitatament għal dan il-għan ġiet milqugħa u ħatret lill-perit Michael Lanfranco.

[3] Fol 103
[4] Fol 105

Rat ir-rapport tal-perit Michael Lanfranco[5] u r-risposti li ta għad-domandi in eskussjoni.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza preliminari dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-eċċezzjoni in eżami, l-konvenuta tikkontendi li l-kawża odjerna ġiet intavolata kontra l-finalita' tar-*res judicata* in vista tas-sentenzi mogħtija fil-proċeduri Rik 1555/95 u Rik 1241/09.

Naturalment, sabiex din l-eċċezzjoni tirnexxi u l-kawża odjerna tiġi dikjarata li hija milquta bil-ġudikat tas-sentenzi fil-kawżi msemmija, jeħtieġ li jirriżulta a sodisfazzjon tal-Qorti li dawk il-kawżi u dik odjerna fihom l-istess partijiet, l-istess oġġett u l-istess kawżali. Dawn it-tliet kriterji kummulattivi, jridu jiġu

[5] Fol 112b

sodisfatti kollha kemm huma u jekk imqar wieħed minnhom ma jiġix sodisfatt, l-eċċezzjoni tfalli.

Ingħad hekk in materja fil-każ **Sharon Rose Roche nee' Bellamy vs Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali et deċiż fit-2 ta' Diċembru 2016 -**

*"**Bazi Legali tar-Res Judicata***

*Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe' dawk definiti bhala l-"eadem causa petendi, eadem personam u eadem res" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista' jinghad li l-haga hija l-istess - nisi omnia concurrunt, alia res est.*

*Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' res judicata kif sancit fl-artikolu 730 tal-Kap.12 l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in nullita' tas-sentenza.*

*Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et** intqal li:-*

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz precedenti……….."*

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet '**Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et'**, Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" –*
*jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

*Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il possibbilta' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il possibbilta' ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni.*

*Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl ewwel kawza.*

*Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha nteress li tiddiskutih. Il bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.*

*Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et*** *gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad decizjoni josta l-*

*gudikat*[6]*. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza. Infatti huwa maghruf li "nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*

***Eadem Res***

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-eadem res, fis-sentenza* ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited*** *gie kkonfermat li din ghandha "tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

*Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.*

***Eadem causa petendi:***

*Illi ghar-rigward tal-eadem causa petendi, din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi l-Prof. Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law" (Pt.IV p.1428) spjega li l-causa petendi hi "the title on which the demand is based" .*

*Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-eadem causa petendi tirnexxi, irid jigi ppruvat li l kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.*

***Eadem personae:***

[6] Rikors 1792/1999/1 deċiża 28.03.2003

> *Illi dwar l-eadem personae, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia*** *il-Qorti qalet li "biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…" Illi pero' dan ma jfissirx li "l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali".*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet għall-fini tal-kawża odjerna -

1. **<u>Dwar l-element tal-Eadem personae</u>**

Dan l-element jirrikjedi li l-partijiet fil-kawżi in eżami ikunu l-istess.

Il-kawża Rik Nru 1555/95 deċiża fil-15 ta' Frar 2006 kienet bejn Maria Dolores sive Doris Debono bħala attriċi u Alfred u Doris konjuġi Galea bħala konvenuti.

Il-kawża Rik Nru 1241/09 deċiża fil-31 t'Ottubru 2014 kienet bejn David Debono bħala attur u Alfred u Doris konjuġi Galea bħala konvenuti.

Il-kawża odjerna hija bejn David Debono bħala attur u Alfred u Doris konjuġi Galea bħala konvenuti.

Jiġi sottolineat li għar-rigward tal-proċeduri Rik Nru 1555/95, għalkemm l-attriċi kienet Doris Debono, l-attur David Debono xorta huwa meqjus marbut bl-eżitu tagħhom in kwantu l-istess Doris Debono hija l-*aventi causa* tiegħu.

Minn dan isegwi li l-partijiet fil-kawżi in eżami huma meqjusin li kienu l-istess. Fil-fatt, kif ingħad fis-suespost, kien hemm qbil bejn il-partijiet fil-kawża odjerna li dan l-element huwa sodisfatt għax il-partijiet huma l-istess.

**L-ewwel element tal-eadem personae huwa sodisfatt.**

2. **Dwar l-element tal-Eadem Res**

Sabiex jirnexxi dan l-element jeħtieġ li l-oġġett mitlub fil-kawża odjerna ikun l-istess bħal dak tat-talba fil-kawżi msemmija. Dan ifisser li jekk l-għan tal-kawża odjerna huwa dak li jintalab oġġett differenti minn dak mitlub fil-kawżi l-oħra ġja deċiżi, allura dan l-element ma jirnexxix.

Issir hawnhekk referenza għal dak konkluż mill-espert tekniku l-perit Michael Lanfranco –

i) Waqt illi l-proprjeta' li tifforma parti mis-sentenzi fil-proċeduri Rik Nru 1555/95 u Rik Nru 1241/09 huma identiċi, dawn mhumhiex identiċi għall-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna;

ii) Waqt li huwa ċar li hemm parti sostanzjali li hija komuni bejn it-tlett pjanti ndikati fir-rapport, hemm parti li tħalliet barra fil-pjanta li ġiet sottomessa mar-rikors ġuramentat fil-kawża odjerna; u

iii) Joħroġ bl-aktar kjarezza li l-parti mibnija ċioe' l-kamra tal-għodda mhijiex komuni **(u allura eskluża)** bejn il-kawża pendenti u s-sentenzi kwotati, waqt li l-parti mhux mibnija (cioe' l-art indikata fid-Dok A mar-rikors promotur) hija komuni u identika fil-kawża pendenti quddiem din il-Qorti kif ukoll fis-sentenzi ndikati. Minħabba n-natura tas-sit, xorta hemm relazzjoni bejn il-parti mibnija u l-parti mhux mibnija stante li jeżisti bieb bejn dawn iż-żewġ porzjoniijiet.

Issir referenza wkoll għat-tweġibiet tal-perit għall-mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni[7]:

[7] Fol 131

a) Mistoqsi jekk meta fil-konklużjonijiet tiegħu huwa rrelata li "l-parti mibnija mhijiex komuni bejn il-kawża pendenti (Rik 983/17MH) u s-sentenzi kwotati" riedx ifisser li l-parti mibnija mhijiex parti fil-kawża odjerna, l-perit wieġeb fl-affermattiv;

b) Mistoqsi biex jikkonferma li l-art li ma hijiex mibnija hija l-unika parti mertu ta' din il-kawża, l-perit wieġeb fl-affermattiv;

c) Mistoqsi biex jikkonferma li mill-eżami tal-pjanti hemm esebiti, irriżultalux li l-parti mibnija kienet l-uniku parti mertu tal-kawża Rik Nru 1555/95, il-perit wieġeb fin-negattiv. Dan għaliex fil-kawża Rik Nru 1555/95 hemm sija l-parti mibnija u anke dik mhux mibnija.

Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet il-Qorti tqis dan l-element jesiġi li l-oġġett mitlub ikun identiku għal kollox mal-kawżi deċiżi u mhux sempliċiment li hemm komunanza fir-rigward tal-parti mhix mibnija. B'hekk ma jirriżultax li l-eadem res huwa l-istess fil-proċeduri odjerni u fis-sentenzi Rik Nru 1555/95 u Rik Nru 1241/09. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti ma tarax li jreġi l-argument tal-konvenuta li *l'piu' comprende il meno.*

**L-element tal-eadem res mhuwhiex sodisfatt.**

## 3. Dwar l-element tal-Eadem Causa Petendi

Sabiex jirnexxi dan l-element jeħtieġ li l-kawża tat-talba fil-proċeduri odjerni tkun l-istess bħal dawk fiż-żewġ kawżi msemmija. Għalhekk, il-kawżali fit-talba tal-kawża odjerna trid tinstab li hija mibnija  fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba fil-kawżi msemmija li llum huma *res judicata*.

Fil-kawża odjerna l-kawża tat-talba hija l-għeluq u l-imbarrar ta' bieb fil-ħajt ta' kamra allegatament miftuħ abbużivament mill-konvenuti fuq art proprjeta' tal-konvenut. L-attur qed jitlob ukoll sabiex fin-nuqqas tal-konvenuti li jottempraw ruħhom, il-Qorti tawtorizzah jagħmel huwa stess ix-xogħlijiet meħtieġa għall-imbarrar tal-bieb u dan a spejjeż tal-konvenuti.

Fil-kawża Rik Nru 1555/95 l-aventi kawża tal-attur odjern kienet talbet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti invadew il-proprjeta` taghha billi ghamlu kostruzzjoni permanenti (kamra ndikata bħala tool shed) ad insaputa u minghajr il-permess taghha. Hija talbet mhux biss lill-Qorti tordna t-tneħħija ta' tali kamra iżda wkoll li tiġi awtorizzata tneħħiha hi stess a spejjeż tagħhom. Inoltre hija talbet il-ħlas u l-likwidazzjoni tad-danni sofferti kawża ta' dan l-aġir.

Lill-Qorti ma jirriżultalhiex li l-kawża tat-talba f'dawn iż-żewġ kawżi hija identika. Huwa minnu li l-allegat bieb in kwistjoni infetaħ fil-ħajt tal-kamra li tagħha ntalbet ir-rimossjoni fil-kawża Rik Nru 1555/95. Iżda fil-kawża odjerna l-oġġett tat-talba ma jikkonċernax il-kamra *per se*. Anzi l-attur ippremetta u rrikonoxxa fir-rikors promotur li bis-sentenza tal-Qorti f'dik il-kawża, l-konvenuti għandhom il-pussess tal-kamra msemmija. Inoltre, l-bieb mertu tal-kawża odjerna infetaħ **wara** dawk il-proċeduri u għalhekk ma seta' qatt kien jifforma parti mill-oġġett tal-kawża Rik Nru 1555/95.

Fir-rigward tal-kawża Rik 1241/09 David Debono kien talab lill-Qorti sabiex tiffissa terminu biex il-konvenuti jiftħu kawża ghall-prova tad-dritt ta' propjeta taghhom fuq l-art mertu tal-kawża. Fin-nuqqas li jagħmlu dan entro t-terminu mpost, il-Qorti għandha tordna li jiġu mpeduti li qatt jagixxu ghal pretensjonijiet fuq l-art.

Tajjeb jingħad li fil-kawża Rik 1241/09 kienet tressqet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* b'rabta mas-sentenza mogħtija fil-kawża Rik Nru 1555/95. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Marzu 2010 kienet ikkonkludiet hekk –

> *"Illi dwar l-eadem res, il-Qorti rat illi l-art indikata fir-rikors guramentat hija l istess art mertu tal-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Debono vs Alfred u Doris konjugi Galea fil-15 ta' Dicembru 2003 u deciza ukoll mill-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2004.*

*"Illi kif diga intqal, saret ukoll ir-rittrattazjoni li giet deciza fil-15 ta' Frar 2006.*

*"Illi jirrizulta, minn ezami tad-dokumenti kollha prodotti, illi l-art in kwistjoni hija l-istess art imsemmija fis-sentenzi appena citati.*

*"Illi dwar l-element ta' eadem personae, il-Qorti rat illi fil-kawza odjerna l-attur huwa marbut bl-ezitu tal-proceduri imsemmija illi inqatghu fil-konfront ta' l aventi kawza tieghu Maria Dolores sive Doris Debono.*

*"Illi l-istess attur jikkoncedi illi huwa qieghed jippretendi l-art in kwistjoni minn wirt imholli lilu mill-imsemmija Maria Dolores Debono.*

*"Illi dwar it-tielet element, l-eadem causa petendi, il-Qorti rat illi l-Qorti ta' l Appell, meta analizzat il-mertu tal-kawza deciza mill-ewwel Qorti, qalet hekk :*

*"Kif sewwa osservaw il-konvenuti fir-rikors ta' l-appell taghhom, f'azzjoni rei vendicatoria jispetta lil min jallega li l-art tieghu giet okkupata li jipprova bla ebda dubju ta' xejn, li l-art in kwistjoni hija tieghu ... infatti minn qari tal-atti tal kawza jidher car li m'hemm l-ebda prova li dik il-parti ta' l-art okkupata b'toolshed hija effettivament proprjeta' ta' l-attrici."*

*"Illi ghalhekk il-Qorti tara illi il-konvenuti ippruvaw din it-tieni eccezzjoni taghhom, fis-sens illi f'dan il-kaz tezisti ir-res judicata."*

Wara li sar appell mill-attur, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-31 t'Ottubru 2014 qalet hekk dwar l-aggravju marbut mad-deċiżjoni tar-res judicata –

*"L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa fir-rigward tal-eccezzjoni tar-res iudicata; huwa jilmenta li l-kawza li ghaddiet in gudikat u li ghaliha gia` saret riferenza ma kinitx tirrigwardja l-art kollha in kwistjoni izda biss il-bini ta' tool shed da parti tal-konvenut appellat.*

*Dwar dan, din il-Qorti taqbel li l-mertu tal-ewwel kawza kien differenti minn dak ta' din il-kawza. Kif sewwa jghid l-appellant fir-rikors tal-appell, dik il-kawza kienet dwar it-talba tal-awtrici tieghu biex il-konvenut inehhi t-tool shed li l attrici allegat li nbniet fuq il-proprjeta` taghha u d-decizjoni finali kienet li l istess attrici ma gabitx prova bizzejjed li dak kien il-kaz. F'din il-kawza il-mertu hija dwar art ferm akbar minn dan. Il-Qorti, ghal ragunijiet li jidhru cari aktar 'il quddiem, se tillimita ruhha f'dan l-istadju billi tghid li dan l-aggravju taqbel mieghu."*

**Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li dan l-element tal-eadem causa petendi ma ġiex sodisfatt.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta dwar ir-res judicata;**
2. **Tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-konvenuta; u**
3. **Tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**